MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 567/1977/2

**Stella mart Joseph Scicluna**

**Vs**

**Carmelo Grech f'ismu propriju u bhala prokuratur ta' l-imsiefer Spiridione Grech, u Tereza illum mart Michael Zammit xebba Grech u l-atti tal-kawza fejn jikkoncernaw lill-mejjet Carmelo Grech gew legittimati f'isem Tereza Grech illum mart Michael Zammit u f'isem Salvatore Schembri bhala prokuratur ta' l-assenti Spiridione Grech, b'ordni tal-Qorti tat-30 ta' April 1990;**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-ewwel (1) ta’ Jannar, 1976 mietet Consiglia Grech li b’testment taghha tas-6 ta’ Novembru, 1975 fl-atti tan-Nutar Dr. Antonio Carbonaro halliet bhala eredi taghha lill-attrici u lill-assenti Spiridione Grech;

Premess illi fid-dar fejn kienet tabita l-mejta 13, Our Saviour Street, Zejtun, ghad hemm oggetti li jappartjenu lill-wirt ta’ l-istess mejta u dawn qieghdin fil-pussess tal-konvenut Carmelo Grech;

Premess illi fost l-ghamara hemm ukoll bicciet li kienu jappartjenu in parti lil Alfonso Grech, illum mejjet, u li thallew in parti lill-istess Consiglia Grech u in parti ukoll lil ohthom ohra Evangelista, illum mejta wkoll u li taghha hija eredi Tereza xebba Grech;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Issir il-qasma ta’ l-oggetti li kienu jappartjenu sia lill-mejta Consiglia u sia lil hutha;

2. Tiddividi il-bicciet li jigu assenjati jew li jigu individwati bhala appartenenti lill-assi ta’ l-istess Consiglia Grech bejn l-attrici u l-konvenut Spiridione Grech f’porzjonijiet ugwali;

3. Tikkundanna lill-konvenut Carmelo Grech jikkonsenja lill-attrici l-bicciet li jigu assenjati lilha;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha huma eccepew:-

Illi din il-kawza ma kienx hemm lokha ghaliex l-eccipjenti qatt ma opponew li l-attrici tiehu dak li huwa taghha ghaliex provenjenti mill-wirt ta’ Consiglia Grech;

Salv kull eccezzjoni ohra;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tal-15 ta’ Novembru 1977 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dr. Lawrence Gonzi biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tat-23 ta’ Mejju 1984 li bih issostitwit ghall-imsemmi Dr. Lawrence Gonzi lill-Avukat Dr. Carmelo Vassallo bl-istess inkarigu gja qabel moghti;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat is-Sur Moses Sammut, wara talba appozita tal-perit legali sabiex jistma l-ghamara;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess periti gudizzjarji li tinsab a fol. 185 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fl-udjenza tas-17 ta’ Marzu 1997;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

L-azzjoni proposta hawn mill-attrici hi tendenti ghad-divizjoni ta’ assi mobiljari gja appartenenti liz-zija taghha Consiglia Grech li mietet fl-1 ta’ Jannar 1976. Ma huwiex kontestat, anke jekk kopja tieghu ma tinsabx esebita fl-atti, illi bit-testment taghha tas-6 ta’ Novembru 1975 l-imsemmija defunta halliet b’werrieta taghha lill-attrici u lill-konvenut Spiridione Grech;

Lanqas ma jidher li huma kontestati dawn il-fatti:-

I. L-ahwa Consiglia, Alfonso, Carmelo, Giuseppa u Evangelista lkoll ahwa Grech kienu jikkoabitaw fil-fond 13 Our Saviour Street, Zejtun;

II. Alfonso Grech miet fit-30 ta' Ottubru 1971 u halla b'eredi tieghu lil hutu Consiglia u Evangelista;

III. Evangelista, li mietet fit-3 ta' Lulju 1975, halliet b'werrieta unika taghha lill-konvenuta Teresa Grech bint Carmelo, uzufruttwarju nominat tal-gid taghha;

IV. Kif fuq inghad mal-mewt ta' Consiglia l-gid taghha gie devolut lill-attrici u lil Spiridione Grech;

V. B'kuntratt tal-5 ta' Awissu 1972, atti Nutar Dottor Antonio Carbonaro (fol. 53) saret il-qasma ta' l-assi li kellhom Spiridione u Carmela mizzewgin Grech, genituri/nanniet tal-kondividendi f'dak il-kuntratt;

Id-divarju ewlieni u principali bejn il-kontedenti jirrisjedi fil-fatt illi filwaqt li l-attrici tikkontendi illi l-mobbli elenkati fid-dokument a fol. 149 jappartjenu lill-gid tal-mejta Consgilia Grech, ad eccezzjoni ta' gradenza, gwardarobba bil-mera u komodina, appartenenti lill-konvenut Carmelo Grech, minn naha taghha il-konvenuta Teresa Grech mart Michael Zammit ssostni illi l-oggetti kienu jiffurmaw parti mis-sustanzi ereditarji tan-nanniet taghha, cjoe Spiridione u Carmela konjugi Grech;

Imqabbad jirrelata fuq il-kwestjoni l-perit legali ssottometta illi fir-rigward ghandu jsostni aktar lit-tezi ta' l-attrici milli dik tal-konvenuta Teresa Grech. Fir-rapport tieghu, li qed jigi adoperat u adottat, huwa jaghmel dawn l-osservazzjonijiet in meritu ghall-affidabilita` li huwa jirpoza fir-rigward tal-posizzjoni ta' l-attrici:

i. Il-konvenuta qatt ma eccepiet li jonqos li jigu msejha kondividendi ohra fil-kawza. Jista' jizdied ukoll illi l-ebda persuna interessata ohra fis-successjoni ta' Spiridione u Carmela Grech ma immanifestat tali interess fl-oggetti meritu tal-prezenti divizjoni;

ii. Ma huwiex verosimili li l-oggetti ta’ l-imsemmija konjugi Grech li mietu rispettivament fil-21 ta’ April 1930 u 28 ta’ Jannar 1942 baqghu jezistu;

iii. Fix-xhieda taghha l-konvenuta Teresa Grech weriet ncertezza billi ghall-ewwel irriteniet li kienet saret divizjoni tal-ghamara tan-nanniet paterni taghha u aktar tard sostniet li tali qasma kienet limitata biss ghall-hwejjeg u fajjenza;

Fil-fehma espressa tal-perit legali ghalhekk l-oggetti *de qua* kienu jifformaw parti mill-patrimonju tal-mejta Consiglia Grech.  Dan bl-eccezzjoni tal-ghamara gja imsemmija appartenenti lil Carmelo Grech, gwardarobba li kienet inxtrat mill-mejta Evangelista Grech, li taghha, kif inghad, il-konvenuta Teresa Grech hi eredi unika, u *television*, *fridge* u *washing machine* li kienu ta’ Alfonso Grech;

Issa huwa pacifiku illi f’*actio communi dividendo* ossija “f’divizjoni ta’ assi komuni kull sehem ghandu jkun maghmul talment li jkun jikkomprendi l-istess kwantita` ta’ beni immobbli (jew mobili), jeddijiet jew krediti ta’ l-istess xorta u ta’ l-istess valur u kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu tal-beni in natura” – “**Avukat Goffredo Randon *nomine* –vs- Paolo Ebejer *et***”, Appell Civili, 17 ta’ April 1961;

Dan premess u konformi ghad-dispost ta’ l-Artikolu 504 tal-Kodici Civili, kien naturali hafna li jigi nominat stimatur biex jivvaluta l-oggetti in divizjoni u fl-istess hin jiddetermina jekk l-oggetti indikati ghadhomx jezistu jew ghadx ghandhom valur.  Dan logikament ghal fini biex kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut Spiridione Grech bin Carmelo, jkollhom qasma ekwitattiva taghhom;

Il-perit legali ppropona li l-oggetti, kif valutati mill-espert stimatur jinqasmu f’zewg porzjonijiet, kif hawn taht stabbilit:

PORZJONI NUMRU 1

| | | |
|---|---|---|
| Item No. 1 | Victorian carved mahogany sofa upholstered in red damask. | Lm160 |
| Item No. 30 | Antique painted china cabinet with glass front and drawers below. | Lm150 |
| Item No. 15 | Victorian mahogany chest of drawers with carved bird ends and marble top. | Lm300 |
| Item No. 13 | Victorian brass paraffin lamp with glass shade and chimney. | Lm60 |
| Item No. 6 | Cuckoo table clock in carved walnut case | Lm100 |
| Item No. 14 | Victorian pair opaque glass vases decorated flowers and 2 gold lustre glass balls. | Lm80 |
| Item No. 33 | 2 Antique copper lustre ware jugs with floral border. | Lm50 |
| Item No. 17 | Victorian mahogany wash stand with grey marble top. | Lm60 |
| Item No. 28 | Painted chest of drawers. | Lm25 |
| Item No. 35 | 15 piece china coffee set decorated flowers. | Lm12 |
| Item No. 24 | Singer treadle sewing machine. | Lm25 |
| Item No. 36 sa 41 | Opaque glass vase, blue glass bottle, blue glass bell and water jug | Lm7 |
| (6 items) | 5 china cups, 6 saucers and 3 plates | Lm5 |
| | 9 china cups and 11 saucers | Lm5 |
| | 16 odd glasses | Lm4 |
| | 2 glass sugar bowls | Lm2 |
| | 2 glass trays and butter dish with cover. | Lm2 |
| Item No. 34 | 2 Bisque figures and 3 small vases | Lm12 |
| Item No. 11 | Red patterned bed cover with fringe | Lm20 |
| | | Lm1079 |

PORZJONI NUMRU 2

| | | |
|---|---|---|
| Item No. 12 | Victorian opaque glass paraffin lamp with glass shade and chimney. | Lm150 |
| Item No. 29 | Antique painted wardrobe with shelves inside and drawer below. | Lm150 |

| | | |
|---|---|---|
| Item No. 4 | Victorian French gilt metal clock, under glass dome and pair artificial flowers under glass domes. | Lm350 |
| Item No. 16 | Victorian mahogany dressing table with oval swinging mirror and grey marble top. | Lm130 |
| Item No. 7 | 2 Antiques weighing scales with copper plates and 10 pieces weights. | Lm80 |
| Item No. 5 | Mantel lamp. | Lm4 |
| Item No. 22 | Victorian china 5 piece wash set decorated flowers. | Lm50 |
| Item No. 18 | 6 Bentwood chairs. | Lm60 |
| Item No. 27 | Painted chest of drawers. | Lm25 |
| Item No. 2 | Victorian wooden settee with cane seat. | Lm50 |
| Item No. 25 | Formica kitchen unit with stainless steel sink. | Lm24 |
| Item No. 19 | 2 wooden chairs. | Lm2 |
| Item No. 3 | Single bed with formica front and back. | Lm3 |
| Item No. 21 | Painted bedside commode | Lm2 |
| | | Lm1080 |

Min imissu l-porzjoni 2 irid ihallas 50c ekwiparazzjoni.

Il-kumplament ta' l-oggetti jittiehdu kif gej:-

(a) *Painted wardrobe with drawer below* – item 31 fil-lista ta' l-istimatur (fol. 206), li kienet tad-defunta Evangelista Grech tittiehed mill-konvenuta Teresa Grech;

(b) *Black and White Television, electric refrigerator* u *gas cooker* (items 8, 9 u 10 fuq l-istess lista) ma jigux mehuda in konsiderazzjoni fil-qasma gjaladarba rrizulta li huma bla valur;

(c) *Painted bedeside commode* (item 20), *Painted chest of drawers* (item 26) u *Painted wardrobe* (item 32), appartenenti lil Carmelo Grech jittiehdu minn uliedu l-konvenuti Spiridione u Teresa ahwa Grech, gjaladarba l-imsemmi Carmelo Grech miet fil-mori tal-kawza , u precizament fil-21 ta' Ottubru 1983. Ara Certifikat tal-Mewt a fol. 84;

Jirrizulta li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut Spiridione Grech jikkonkorru ndaqs fi kwoti ugwali. Meta hekk ikun il-kaz, allura konformement ghall-principji tad-dritt kif stabbilit fl-Artikolu 510(1) tal-Kodici Civili, "l-ishma jigu mtellghin bix-xorti". Kif tracjat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Scicluna *et* –vs- Maria Calleja *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Lulju 1964, per Imhallef Maurice Caruana Curran, fuq l-awtorita` tal-kummentaturi u trattisti fuq din it-tematika huwa biss bl-akkordju unanimu tal-kondividendi illi l-assenjazzjoni hi possibbli. Mill-kumplament id-disposizzjoni tas-sortegg tal-kwoti ugwali mhijiex fakoltativa imma imperattiva (**Ricci**, "Diritto Civile", Vol. IV para. 106; **Planiol et Ripert** "Traite Tratique de Droit Civil Francais", Tome IV, Successions, para. 528 pagna 731);

Ir-relazzjoni tal-perit legali mhux biss ma gietx attakkata, la b'osservazzjonijiet verbali jew b'nota ta' kritika, talli addirittura, kif manifest mill-verbal ta' l-20 ta' Mejju 1997 (fol. 253) jidher li l-kontendenti qablu mal-likwidazzjoni u divizjoni kif maghmula minnu. L-uniku kumment li jidher li tqajjem kien rigward il-kap ta' l-ispejjez tal-kawza;

Il-konvenuta Teresa Grech mizzewga Zammit issottomettiet f'dan il-kuntest illi l-ispejjez ghandhom jinqasmu proporzjonalment ghall-assenjazzjonijiet. Invece l-attrici topponi li jsir hekk. B'danakollu ma tipprovdi l-ebda raguni ghal din l-opposizzjoni jew kontestazzjoni taghha;

Issa hu minnu, u hekk tista' tghid hi l-prattika kostanti tal-Qrati, illi f'divizjoni l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati bejn il-kontendenti fil-proporzjon ta' l-interess rispettiv. Jezistu pero` eccezzjonijiet ghal din ir-regola. In fatti kif skopert fid-decizjoni fl-ismijiet "**G. Bonnici –vs- G. Zammit**", 2 ta' Mejju 1873, riportata a **Vol. 565 Pagna 565**, "*tuttavia cio` non ha luogo quando la divisione non viene fatta per colpa di uno degli interessati in opposizione al volere di tutti gli altri*";

Fil-kaz prezenti l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi kieku ma kienx ghall-atteggjament assunt mill-konvenuti, in

partikolari l-konvenuta Teresa Grech, kemm qabel, kif ukoll matul il-kors tal-kawza, il-kwestjoni mhux biss ma kellhiex ghalfejn tiehu perkors tant twil ghar-rizoluzzjoni taghha, talli addirittura lanqas kien hemm htiega ta' aditu lill-Qorti, hekk forzat minn dan l-istess atteggjament, kieku ntwera ftit bon sens u nstabet is-soluzzjoni bonarja desiderabbli.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, prevja l-adozzjoni tar-relazzjoni peritali, tordna l-qasma f'zewg porzjonijiet kif fuq muri ta' l-oggetti mobili valutati gja appartenenti lid-defunta Consiglia Grech. Tali qasma ghandha ssir bejn l-attrici u l-konvenut Spiridione Grech permezz ta' sortegg fi zmien hmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza;

Tordna wkoll li lill-konvenuta Teresa Zammit gja xebba Grech *qua* eredi ta' Evangelista Grech tigi assenjata l-gwardarobba (item 31 fil-lista ta' l-istimatur) u lill-istess konvenuta u lill-konvenut huha Spiridione Grech jigu assenjati l-komodina, gradenza u gwardarobba bil-mera (item 20, 26 u 32 tal-lista ta' l-espert stimatur) gja appartenenti lil missierhom defunt, il-konvenut Carmelo Grech.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportanti kwantu ghal nofs (1/2) mill-attrici u n-nofs l-iehor mill-konvenut Spiridione Grech, bl-eccezzjoni tad-drittijiet tal-periti gudizzjarji li jibqghu a karigu tal-konvenuta Teresa mart Michael Zammit gja xebba Grech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------